



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2021/0045/D (Germany)

Emenda tal-Att dwar l-Infurzar tan-Network fir-rigward tal-informazzjoni għar-riċerka xjentifika

Data tal-wasla : 28/01/2021

Tmiem tal-Waqfien : 29/04/2021 (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2021) 00320

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2021/0045/D

No abre el plazo - Nezhajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidējimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéket - Ma' jiftaħ il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 202100320.MT)

1. MSG 002 IND 2021 0045 D MT 28-01-2021 D NOTIF

2. D

3A. Bundesministerium für Wirtschaft und Energie, Referat E C 2, 11019 Berlin,
Tel.: 0049-30-2014-6392, E-Mail: infonorm@bmwi.bund.de

3B. Bundesministerium der Justiz und für Verbraucherschutz, Referat V B 2, 10117 Berlin
Tel.: 0049-30-18580-9522, Fax: 0049-30-18580-9525, E-Mail: VB2@bmjv.bund.de

4. 2021/0045/D - SERV60

5. Emenda tal-Att dwar l-Infurzar tan-Network fir-rigward tal-informazzjoni għar-riċerka xjentifika

6. Fornituri ta' networks soċjali u ta' pjattaformi ta' video-sharing

7. -

8. Ir-regolament propost jistipula li r-riċerkaturi jistgħu jitolbu mingħand il-fornituri ta' networks soċjali li għandhom mill-inqas żewġ miljun utent irregiſtrat fil-Ġermanja, informazzjoni dwar l-użu u l-effikaċja ta' proċeduri għall-identifikazzjoni awtomatizzata ta' kontenuti li għandhom jitneħħew jew jiġu mblukkati, kif ukoll dwar id-distribuzzjoni ta' kontenuti li kienu s-suġġett ta' lmenti dwar kontenuti illegali u li tneħħew jew ġew imblukkati mill-fornitur. Ir-regola ma tagħtix lir-riċerkaturi dritt għal aċċess tekniku dirett għall-bażijiet ta' data jew għas-sistemi tekniċi tal-fornitur. Ir-riċerkatur li qed ifittex informazzjoni għandu jissottometti kunċett ta' protezzjoni lill-fornitur, li għandu jiġi sottomess lill-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-data fl-istess ħin tat-talba għall-informazzjoni. L-informazzjoni tista' tiġi miċħuda jekk ikun hemm interessi leġittimi prevalenti tal-fornitur jew tal-persuni kkonċernati. Il-fornitur għandu dritt għar-rimborż, f'ammont raġonevoli, tal-ispejjeż imġarrba biex jipprovdi l-informazzjoni.



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

9. Dibattiti politiċi u proċessi li jiffurmaw l-opinjoni qed isiru dejjem aktar spiss fl-ispazju diġitali u fil-midja soċjali. Il-proċess ta' komunikazzjoni li jseħħ hemmhekk issa hu ta' importanza konsiderevoli għall-formazzjoni tal-opinjoni pubblika. Hemm interess pubbliku konsiderevoli biex ikun hemm aktar trasparenza dwar il-funzjonament tal-pjattaformi rispettivi u l-proċess ta' tixrid tal-kontenuti fihom kif ukoll sejbiet ta' riċerka indipendenti dwar dan. Hu daqstant importanti li wieħed jifhem kif il-kontenuti li tneħħew jew ġew mblukkati li jkun sar ilment dwarhom bħala illegali lill-fornitur u/jew minnu stess ikunu qed jinfirxu jew ikunu nfirxu fuq in-networks soċjali, biex il-gruppi involuti jkunu jistgħu jaġixxu b'mod aktar effikaċi kontra t-tixrid ta' kontenuti illegali abbażi ta' għarfien aktar profund tal-mekkaniżmi tat-tixrid.

Minħabba l-importanza konsiderevoli tan-networks soċjali rreġistrati, il-possibiltajiet imtejba ta' għarfien assigurat bid-dritt għall-informazzjoni huma meħtieġa fi kwalunkwe każ biex jiġu evitati reati kriminali, inkluża l-ġlieda kontra l-inkitament għall-mibegħda, kif ukoll għall-protezzjoni tal-konsumaturi.

10. Referenza għat-testi bażiċi: Att dwar l-Infurzar tan-Network tal-1 ta' Settembru 2017 (Gazzetta tal-Liġi Federali I p. 3352)

<https://www.gesetze-im-internet.de/netzdg/NetzDG.pdf>

It-testi bażiċi ntbagħtu fil-kuntest ta' notifika preċedenti: 2020/0174/D

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. Għall-fornituri ta' networks soċjali li għandhom mill-inqas żewġ miljun utent irreġistrat fil-Ġermanja tirriżulta spiża għall-provvista tal-informazzjoni li għaliha ma jkunx intalab ħlas. Madankollu, din l-ispiża tiġi koperta fil-biċċa l-kbira mill-fatt li l-fornituri għandhom dritt għal rimborż tal-ispejjeż imġarrba meta jipprovdu informazzjoni, f'ammont raġonevoli, mingħand ir-riċerkaturi.

16. Aspett OTK

LE - L-abbozz m'għandu ebda impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS

LE - L-abbozz m'għandu ebda impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu